DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR191545** **10.07.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-ktieb 'Jiena Thomas'***

"San Tumas More spiċċa martri għax kien onest u għaldaqstant dan il-qaddis għandu jkun ta' eżempju għal kull wieħed u waħda minna, u għalhekk min verament jixtieq jimxi b'moralità, illum hawn ħafna modi biex ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu, iżda nfakkar li moralità waħda hemm: il-verità", qal l-Ispeaker Anġlu Farrugia waqt it-tnedija ta' pubblikazzjoni oħra mill-Parlament, 'Jiena Thomas'.

L-Ispeaker faħħar il-ħidma u r-riċerka ta' Patri Thomas Moore dwar il-qaddis Thomas More u qal li din il-pubblikazzjoni għandha tkun ta' interess għal dawk interessati fil-politika u li jservu minn din l-istituzzjoni tant prestiġjuża hekk kif fakkar li l-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 2000, nhar il-31 ta' Ottubru, kien iddikjara lil dan il-qaddis bħala l-Patrun tal-Politiċi u tal-Istatisti.

Il-konferenza ġiet indirizzata wkoll mill-awtur tal-ktieb Patri Thomas Moore, mid-Deputy Speaker Claudette Buttigieg u mid-Deputat *Whip* tal-Oppożizzjoni Frederick Azzopardi.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700

**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**